Minuti tal-laqgħa pubblika li nżammet mil-Kunsill Lokali tar-Rabat nhar l-Erbgħa, 8 ta' April, 2026 fis-6.00pm fil-Muniċipju tar-Rabat, 8, Dar ir-Rabtin, Triq l-Isptar, ir-Rabat

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Is-Sur Sandro Craus | Sindku |
| | Is-Sur Matthew Chetcuti | Viċi Sindku |
| | Is-Sa Grazielle Brincat | Kunsillier |
| | Is-Sa Charmaine Balzan | Kunsillier |
| | Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużat | Is-Sur Norbert Grech | Kunsillier (ara e-mail annessa) |
| Pubbliku | Is-Sa Josephine Laudi | |

1. Is-Sindku, s-Sur Sandro Craus irringrazzja lil kull min attenda u ppresjeda l-laqgħa.

2. Hu ta rendikont tal-attività tal-Kunsill Lokali tar-Rabat fis-sena 2025 u wkoll kien imsemmi ir-rapport finanzjarju (unaudited) li kien preżentat lill-Uffiċċju tal-Awditur Ġenerali u wkoll il-budget 2026.

3. Fost il-proġetti li hemm għaddejjin bħalissa insibu dak tas-Saqqajja minn Infrastruttura Malta, dak ta' Qasgħa mill-Public Works Department u se jinbdew dak tal-Pjazza tal-Baħrija u tal-Inclusion Hub f'Għajn Qajjet. Se jibda' wkoll ix-xogħol fuq id-dwal tat-toroq solari fi Vjal il-Ħaddiem mill-Public Works Department, tax-xiri ta' Roti Rechargeable tal-iskema ta' Transport Malta kif ukoll l-applikazzjoni l-oħra tar-Retractable Bollards f'toroq dojoq, tal-landscaping tal-Pjazza tal-Parroċċa u hemm ukoll maħsub tal-Promenade tal-Virtù.

4. Intant, wieħed mill-għanijiet tal-laqgħa pubblika hija li l-pubbliku jitkellem, xi ħaġa li ma tistax issir f'laqgħa normali tal-Kunsill.



Kunsill Lokali tar-Rabat; 8, Dar ir-Rabtin, Triq l-Isptar, ir-Rabat; Tel: 21455000; E-mail: rabat.malta.lc@gov.mt

5. Għalhekk is-Sa Laudi semmiet il-problema li għandha bis-central strip quddiem il-fond 8, Sacro Cuor fi Triq Għajn Qajjet, ir-Rabat. Hija qalet li din it-triq minn xi ftit xhur 'l hawn saret one way bil-konsegwenza li qed ittawwal it-traġitt tagħha kemm biex tidħol, kif ukoll biex toħroġ mil-garage. Hija qalet li hu inkonvenjent li ma tistax tmur lejn Triq Bużugrilla u jkollha tmur iddawwar mar-roundabout tal-Imtarfa fi Triq l-Internati. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal li l-Kunsill qed jipproponi li ssir roundabout f'dan il-post meta l-istess central strip ma tistax titneħħa għar-raġuni li hemm diżlivell kbir bejn lane u ieħor fl-istess triq. Però, dan kollu jrid ikun approvat minn Transport Malta u ta struzzjonijiet biex formalment jitqajjem il-każ mal-Perit Audrey Demicoli ta' TM.

6. Is-Sa Laudi semmiet il-gandott (storm water culvert) li hemm cioe' il-parti l-mikxufa tiegħu fi Triq Għajn Qajjet. Hija qalet illi dan qed ikun kollu nemus li qed jagħmel Sajf jinten bin-naqal li jinġabar fih, il-ħass li jitrabba u miegħu in-nemus li jinġabar miegħu. Dwar dan qed ikun suġġerit li jew jitnaddaf mid-Dipartiment tat-Tindif u l-Manutenzjoni jew inkella jissaqqaf bix-xorok bħal kumplament tal-culvert. B'mod immedjat kien deċiż li nagħmlu t-talba lid-Dipartiment tat-Tindif u l-Manutenzjoni.

7. Il-laqgħa ntemmet fis-7.30pm.

**(IFFIRMATA)**

Miġbura minn Anthony Bonello

Segretarju Ezekuttiv